

Brussell, 20 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13181/23

CONSOM 321

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rapport mill-Forum Ibero-Amerikan tal-Aġenziji Governattivi għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (Madrid, 13-14 ta' Settembru 2023) - <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar ir-Rapport mill-Forum Ibero-Amerikan tal-Aġenziji Governattivi għall-Protezzjoni tal-Konsumatur li sar f'Madrid bejn it-13 u l-14 ta' Settembru 2023 bil-ħsieb tal-punt Affarijiet Oħra fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività fil-25 ta' Settembru 2023.

Fil-qafas tal-Prezidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul it-tieni nofs tal-2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ibero-Amerikan tal-Aġenziji Governattivi għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (FIAGC) organizzaw Forum dwar il-Politika tal-Konsumatur f'Madrid fl-14 ta' Settembru 2023, bl-għan li jippromwovu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni, b'attenzjoni partikolari għar-relazzjonijiet tal-konsumatur fl-ambjent diġitali.

Il-parteċipanti fil-Forum enfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni multilaterali akbar fil-qasam tal-affarijiet tal-konsumatur bħala prerekwiżit neċessarju biex jittejjbu l-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi fuq livell dinji; l-isfidi u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-konsumaturi fid-dawl tal-prattiki kummerċjali dejjem aktar globali u sofistikati, kif jidher fil-konsum online; u l-isfidi komuni għall-awtoritajiet tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-Amerka Latina fl-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur.

Il-konklużjonijiet prinċipali tal-Forum kienu:

1. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi hija element fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli fir-reġjuni rispettivi tagħna. Għaldaqstant jeħtieġ li l-istituzzjonijiet jippromwovu politiki u azzjonijiet li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-benesseri tal-konsumatur, b'kont meħud tal-kuntesti differenti li fihom jitwettqu l-azzjonijiet tal-konsumatur.
2. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġi promoss aċċess ugwali għall-konsum, u għalhekk ngħarfu l-importanza li jiġi żgurat li l-konsumaturi vulnerabbli jkollhom aċċess ugwali għall-prodotti u s-servizzi bażiċi meħtieġa għall-kwalità tal-ħajja tagħhom. Dan jagħmilha neċessarja li ssir ħidma, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, biex jiġu eliminati l-ostakli ekonomiċi, fiżiċi u soċjali li jistgħu jxekklu l-aċċess tagħhom għal dawn il-prodotti u servizzi kif ukoll l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lid-distakk diġitali.
3. Huwa kruċjali li jiġu promossi l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur bħala għodod fundamentali għall-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u biex jiġu żgurati tranżazzjonijiet kummerċjali ġusti, ekwi u sostenibbli, speċjalment fir-rigward tat-tfal.

4. Konsegwentement, u b'kont meħud tal-kuntest tal-kriżi ekoloġika globali u l-interess dejjem jikber tal-konsumaturi li jikkontribwixxu personalment biex tinkiseb in-newtralità klimatika, l-azzjoni istituzzjonali dwar kwistjonijiet marbuta mal-konsumatur irid ikollha bħala prijorità l-konsum responsabbli u sostenibbli, sabiex il-kumpaniji jwettqu l-bidliet meħtieġa u l-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati li jqisu l-impatti ambjentali tal-ġażliet tal-konsum tagħhom.
5. Il-protezzjoni tal-konsumatur għandha tiffoka wkoll fuq il-protezzjoni minn prattiki sessisti, b'mod partikolari f'oqsma bħar-reklamar, li huma diskriminatorji u jipperpetwaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, li jaffettwaw b'mod negattiv lin-nies u jdġhajfu d-dinjità u d-drittijiet tagħhom.
6. Hemm bżonn li tiġi garantita s-sikurezza tal-prodotti u s-servizzi offruti fis-suq, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali tal-konsumaturi, u għalhekk huwa xieraq li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-superviżjoni sabiex jiġu ggarantiti standards għoljin ta' kwalità u sikurezza, kif ukoll il-protezzjoni tal-privatezza tal-konsumaturi.
7. Il-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-aċċess għall-ġustizzja għall-konsumaturi huma tal-akbar importanza. Għalhekk jeħtieġ li naħdmu fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenzi dwar l-effiċjenza u l-effettività ta' dawn il-mekkaniżmi, inkluż il-promozzjoni tal-medjazzjoni u l-arbitraġġ bħala mezz alternattiv għas-soluzzjoni tat-tilwim.
8. Il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur hija assolutament meħtieġa f'dinja globalizzata. Minħabba li ħafna mill-isfidi li qed niffaċċjaw huma ta' natura tranżnazzjonali u li xi problemi huma kbar u kumplessi wisq biex jiġu solvuti fil-livell ta' pajjiż wieħed, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati u l-organizzazzjonijiet f'reġjuni oħra bħall-Amerka Latina hija essenzjali. Il-leġiżlazzjoni Ewropea spiss hija referenza u forza mexxejja, iżda l-UE tista' wkoll titgħallem mill-esperjenzi ta' dawn ir-reġjuni l-oħra. L-iskambju ta' prattiki tajbin, esperjenzi u għarfien bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerka Latina jista' jkun produttiv ħafna, speċjalment fir-rigward ta' prattiki kummerċjali ġodda u atturi ġodda fis-suq li jeħtieġu aktar attenzjoni minħabba n-natura fixkiela tagħhom.

9. L-awtoritajiet u l-aġenziji governattivi tal-konsumatur għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politiki tal-protezzjoni tal-konsumatur. Huwa kruċjali li dawn ikunu indipendenti u jkollhom il-kapaċità u r-riżorsi biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

 10. Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur hija importanti. Id-djalogu u l-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż l-industrija, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u atturi ewlenin oħra, huma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti u jiġu promossi soluzzjonijiet konġunti.
-